MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2010

Numru 1162/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND MICALLEF**
**KONTRA**

**DUNCAN PAUL SCIBERRAS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Duncan Paul Sciberras ta’ 23 sena, bin Paul u Maria Loreta nee’ Fenech, mwieled Pieta’ nhar it- 18 ta’ Settembru 1987, residenti gewwa l- fond 43, Triq it- Tlett Knejjes, Balzan u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin-numru 415687M;

Li gie imressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli matul ix- xhur ta’ Ottubru u Novembru 2010, b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l- istess disposizzjoni tal- Ligi u jkunu gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda, ai termini tal- Artikolu 18 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

1) Nhar it- 28 ta’ Ottubru 2010, matul il- jum f’ dawn il- Gzejjer u cioe’ gewwa l- Librerija tal- Universita’ ta’ Malta, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti fosthom is-somma ta’ €50 u li sehh ghad- detriment ta’ Deborah Anne Axisa u/ jew ta’ persuni ohra;

2) Nhar id- 29 ta’ Ottubru 2010, matul il- jum f’ dawn il- Gzejjer u cioe’ gewwa l- Librerija tal- Universita’ ta’ Malta, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti fosthom is-somma ta’ €220 u li sehh ghad- detriment ta’ Penelope Vassallo u/ jew persuni ohra;

3) Nhar id- 29 ta’ Ottubru 2010, matul il- jum f’ dawn il- Gzejjer u cioe’ gewwa l- Librerija tal- Universita’ ta’ Malta, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti fosthom is-somma ta’ €5 li sehh ghad- detriment ta’ Nicoletta Maniscalco u/ jew ta’ persuni ohra;

4) Nhar it- 2 ta’ Novembru 2010 matul il- jum f’dawn il- Gzejjer u cioe’ gewwa l- Librerija tal- Universita’ ta’ Malta ikkommetta serq ta’ diversi oggetti fosthom is-somma ta’ €30 u li sehh ghad- detriment ta’ Justine Micallef u/ jew ta’ persuni ohra;

5) Nhar it- 2 ta’ Novembru 2010 matul il- jum f’ dawn il- Gzejer u cioe’ gewwa l- Librerija tal- Universita’ ta’ Malta, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti fosthom is-somma ta’ €30 u li sehh ghad- detriment ta’ Valentina Perrone u/ jew persuni ohra;

6) Nhar it- 2 ta’ Novembru 2010 matul il- jum f’ dawn il- Gzejjer u cioe’ gewwa l- Librerija tal- Universita’ ta’ Malta, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti fosthom is-

somma ta' €5.90 li sehh ghad- detriment ta' Corrine Farrugia u/jew ta' persuni ohra;

7) Nhar it- 2 ta' Novembru 2010 matul il- jum, f' dawn il- Gzejjer u cioe' gewwa l- Librerija tal- Universita' ta' Malta, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom is- somma ta' €3.86 ghad- detriment ta' persuna u/ jew persuni mhux maghrufa;

8) Nhar it- 2 ta' Novembru 2010, matul il- jum f' dawn il- Gzejjer u cioe' gewwa l- Librerija tal- Universita' ta' Malta, ikkommetta serq ta' diversi oggetti u li sehh ghad- detriment ta' Angela Bartolo u/ jew ta' persuni ohra;

9) Nhar it- 3 ta' Novembru 2010 matul il- jum, f' dawn il- Gzejjer u cioe' gewwa l- Librerija tal- Universita' ta' Malta, ikkommetta serq ta' diversi oggetti, u li sehh ghad- detriment ta' Carla Borg, u/ jew ta' persuni ohra;

10) Nhar it- 3 ta' Novembru 2010 matul il- jum, f' dawn il- Gzejjer u cioe' gewwa l- Librerija tal- Universita' ta' Malta, ikkommetta serq ta' diversi oggetti, u li sehh ghad- detriment ta' Martha Privitelli, u/ jew ta' persuni ohra;

11) Nhar l- 4 ta' Novembru 2010 matul il- jum, f' dawn il- Gzejjer u cioe' gewwa l- Librerija tal- Universita' ta' Malta, ikkommetta serq ta' diversi oggetti, u li sehh ghad- detriment ta' Kirsty Pace, u/ jew ta' persuni ohra;

12) Nhar l- 4 ta' Novembru 2010 matul il- jum, f' dawn il- Gzejjer u cioe' gewwa l- Librerija tal- Universita' ta' Malta, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom is- somma ta' €15, u li sehh ghad- detriment ta' Sarah Schembri, u/ jew ta' persuni ohra;

13) Finalment talli fl- istess perjodu, cioe' nhar il- 5 ta' Novembru 2010 u fil- granet ta' qabel, hin, lok u cirkostanzi fuq imsemmija, bil- hsieb li jaghmel delitt, u cioe' serq minn gewwa l- Librerija tal- Universita' ta' Malta, wera' dan il- hsieb b' atti esterni u ta bidu ghall- esekuzzjoni ta' dan id- delitt, liema delitt ma giex esegwit

minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill- volonta' tieghu.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu, zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidraw, u ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ghazel li jirregistra ammissjoni ghal dawn l-imputazzjonijiet migjuba kontrih, fl-istadju tal-esami tieghu ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9, u ghalhekk il-Qorti tista' tghaddi minnufih ghas-sentenza f'din il-kawza. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat spjega kif hu kien jidhol il-librerija tal-Universita' u jisraq il-kartieri mill-basktijiet li kien isib hemm. Dan ghamlu ghal diversi drabi bejn Ottubru u Novembru ta' din is-sena. Jidher car ghalhekk li l-imputat ghandu bzonn deterrent qawwi f'hajtu biex ighinu jezercita ftit kontroll fuq ghemilu u fuq l-imgieba tieghu. Skond l-imputazzjonijiet, hu seraq flus fi tnax-il darba differenti mill-istess post, a detriment ta' bosta studenti.

Kwantu ghall-piena, il-Qorti rat li gie addebitat ir-reat kontinwat lill-imputat, u ghalhekk ma hemmx ghalfejn tigi kkalibrata l-piena bil-konkors tar-reati u pieni ai termini tal-Artikolu 17 tal-Kap 9, izda hi bizzejjed li titqies il-piena ghal serq semplici biz-zieda ta' grad jew tnejn ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kap 9. Ghalhekk, tenut kont ta' dawn il-konsiderazzjonijiet u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti sejra tikkundanna lill-imputat terminu ta' prigunerija li ma tidholx fis-sehh ghal terminu prefiss jekk l-imputat ma

jwettaqx reat iehor fiz-zmien li din is-sentenza tkun hekk sospiza. Flimkien ma’ din il-piena, l-imputat ser ikun ukoll sorveljat minn Ufficjal tal-Probation waqt li s-sentenza tibqa’ sospiza.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 18, 284, 285, u 41 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sitt (6) xhur priguneirja sospizi ghal tlitt (3) snin taht supervizjoni ta’ Ufficjal tal-Probation ai terminu tal- Artikolu 28G tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------